ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 14/2020/09

**Data tal-laqgħa:** 20 ta' Mejju, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fl-17:15hrs.

## Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** | |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** | |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** | |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** | (permezz ta' *Confra Call*) |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** | |
| Francesca Tabone | ***Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ*** | |

## Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

14.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

14.1.2 Minħabba l-imxija tal-Covid-19, l-Kunsilliera Ritienne Caruana kienet parti minn din il-laqgħa permezz ta' *Confra Call*.

14.1.3 Dan sar bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha u kif permess ukoll mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali f'Direttiva Nru. 2/2020, Punt 4.5.

## 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 13

14.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 13 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier John Luke Cassar, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

14.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 2/2020 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Corona Virus (Covid-19) – Miżuri ta' Prekawzjoni.

14.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand ir-Reġjun Nofsinhar dwar il-fondi li l-Kunsill jonqsu jieħu rigward skemi maħruġa mir-Reġjun.

14.3.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija kienet bagħtet il-*claims* tal-iskemi kollha apparti dik tal-iskema proġetti li ħarġet fl-2019. Hija qalet li din kienet maħsuba bħala parti mill-ispiża għall-proġett ta' Ġnien Rousset. Hija kompliet tgħid li l-istima għal dan il-proġett hija kbira ħafna meta mqabbla mal-fondi li hemm u għaldaqstant staqsiet jekk il-Kunsill ikunx interessat li juża dan il-fond fuq xi proġetti oħra.

14.3.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk il-Kunsill jaħseb li jixtieq juża dawn il-fondi għal proġetti oħra, hija kienet ser tikteb lir-Reġjun biex tara jekk dan hux possibbli.

14.3.2.3 Il-Kunsilliera ddiskutew dan il-fond u ġie deċiż li l-Kunsill jitlob biex dawn il-fondi jintużaw fuq *refurbishment* tal-area tal-uffiċċju tal-Kunsill, inkluż ir-rampa tal-librerija, il-barriers ta' quddiem l-iskola, bankijiet u *bins* ġodda u affarijiet li hemm bżonn biex din l-*area* tingħata d-dehra li jixirqilha.

14.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva ittra mingħand il-Kappillan rigward ir-restawr taċ-ċimiterju, fejn talab li jsiru xi tiswijiet u jiġu ffinanzjati mill-Kunsill.

14.3.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li tintbgħat risposta lill-Kappillan fejn ninfurmawh li r-restawr kien ser isir mill-MIA u li minħabba l-problema li nħolqot bil-pandemija tal-Covid-19 għalissa kollox jinsab wieqaf. Peress li ċ-ċimiterju huwa propjetà tal-knisja, il-Kappillan għandu jitkellem mal-Kurja biex jara li jekk hemm affarijiet perikolużi dawn jissewwew kemm jista' jkun malajr biex jitneħħa kull periklu.

14.3.3.2 Fir-rigward tal-*projectors* il-Kunsilliera qalu li għandna nistaqsu lill-Kappillan dwar min qed jagħmel użu mid-Domus biex il-Kunsill ikun ċert li jekk dawn il-*projectors* jinxtraw isir użu tajjeb minnhom mill-kommunità.

14.3.3.3 Apparti hekk il-Kunsilliera qablu li meta dawn il-*projectors* jinxtraw, isir ftehim bejn il-Kunsill, il-Kunsill Pastorali u l-Kappillan, fejn jiġi stipulat li l-għaqdiet kollha li jużaw id-Domus jistgħu jużaw dawn il-*projectors*. Hekk il-Kunsill ikun ċert li dawn il-*projectors* jintużaw għall-komunità.

14.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mingħand l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità rigward *fire evacuation plan* taċ-Ċentru tal-Anzjani peress li dan jagħmel parti mill-binja tal-Kunsill.

14.3.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-*email* u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob li jsir *fire evacuation plan* għall-binja tal-Kunsill.

14.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li Sixth Energy Malta kienu ppreparaw *'Local Council Performance Report for the Year 2019'*, liema rapport jevalwa x-xogħol tal-Kunsill fir-rigward ta' ġbir ta' skart abbażi ta' ħames indikaturi kif deskritti fid-dokument *'A Benchmark for National Performance Indicators'*.

14.3.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan ir-rapport u talbu lis-Segretarju biex twieġeb dan ir-rapport fejn jisħqu li l-Kunsill qed jagħmel l-almu tiegħu biex aktar nies jirriċiklaw u jarmu b'mod responsabbli.

14.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward kilometri ta' spazji pubbliċi b'rotot għall-mixi, ċikliżmu u spazji miftuħa għar-residenti żgħar u kbar fil-lokalitajiet.

14.3.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Assoċjazzjoni kienu talbu risposta dwar l-interess tal-Kunsill sa nhar l-Erbgħa, 13 ta' Mejju, 2020. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija kienet infurmat lill-Assoċjazzjoni li l-laqgħa tal-Kunsill kienet ser issir fl-20 ta' Mejju u għaldaqstant ma setgħatx tagħti risposta qabel din id-data.

14.3.6.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-*email* u tkellmu dwar diversi idejat dwar postijiet li jistgħu jsiru pedonali biss hemm problemi bħal parkeġġ, *traffic management*, etc. Il-Kunsill ser jinforma lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali li l-Kunsill qed jaħdem fuq *traffic management* tal-lokalità u ser ikun qed jikkonsidra dawn it-tip ta' proġetti fil-futur.

14.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li r-rapport tal-ħsarat fid-dawl f'Misraħ iż-Żerniq kien sar u kien qed jiġi ppreżentat għall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

14.3.7.1 Is-Sindku spjega dan ir-rapport u qal li hemm ħafna affarijiet x'jiġu rranġati.

14.3.7.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan ir-rapport u qablu li jiltaqgħu mal-*electrician* biex jiddiskutu flimkien x'hemm bżonn isir. Is-Sindku ser jitkellem miegħu biex jagħmel appuntament biex jiltaqgħu biex naraw x'*refurbishment* għandu jsir.

14.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand resident fi Block 1, Triq Tal-Fieres rigward is-CCTVs u l-panelli solari li hemm fl-istess blokka.

14.3.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lir-residenti li s-CCTVs kienu jinsabu mitfija għax kienu qed jintfew mir-residenti minħabba l-konsum tad-dawl.

14.3.8.2 Apparti hekk il-Kunsill ser jitlob kopja tal-kont tad-dawl tal-komun li dan ir-resident biex il-Kunsill ikun jista' jkompli jagħmel l-arranġamenti biex id-dawl li qed jiġi ġġenerat mill-panelli jitnaqqas minn dan il-kont u hekk is-CCTVs ikunu qed jużaw minn dan il-konsum.

14.3.9 Is-Sindku Terence Agius ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport ippreparat mill-*contracts manager* dwar is-sitwazzjoni tal-knis fit-toroq ta' Ħal Kirkop.

14.3.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan ir-rapport u jidher li x-xogħol miexi tajjeb. Importanti li l-*contracts manager* ikompli jimmoniterja sew biex naraw li l-lokalità tinżamm fl-aħjar stat ta' ndafa possibbli.

14.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet talbet lill-Kunsilli Lokali biex il-faċċata tal-Kunsill tinxtegħel bil-kulur aħmar bejn l-1 u l-15 ta' Ġunju, 2020 biex jitfakkar il-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm li huwa ċċelebrat madwar id-dinja fl-14 ta' Ġunju.

14.3.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li l-faċċata tinxtegħel ħamra mill-1 sal-15 ta' Ġunju, 2020.

14.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li huwa rċieva komunikat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex jinkixfu l-bankijiet.

14.3.11.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan il-komunikat u qalu li l-Kunsill per se ma rċieva l-ebda komunikat u li din hija deċiżjoni li jieħu l-Kunsill. Għaldaqstant għalissa huma jaqblu li jibqa' kollox kif inhu u l-plastik ta' mal-bankijiet jitneħħa meta jiddeċiedi l-Kunsill.

14.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hemm żewġ apparat fl-*open gym* li jinsabu magħwġin.

14.3.12.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex jittieħdu ritratti u jintbgħatu lil min waħħalhom. Huma talbu biex min jiġi jagħmel l-ispezzjoni jagħtina rapport jekk dawn inqalgħux bl-użu jew inkella ġewx vandalizzati.

14.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien hemm bżonn tittieħed deċiżjoni dwar il-*bring in sites* minħabba li l-kollettur qed ikollu problema biex ibattalhom minħabba li jkun hemm il-karozzi pparkjati.

14.3.13.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-bring in sites jibqgħu fejn huma u l-aħħar parkeġġ isir bil-ħin. Is-Sindku ser ikun qed jitkellem mal-kollettur biex jagħtina l-ħinijiet eżatt biex tkun tista' tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

14.3.13.2 Apparti hekk il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill iżid CCTV fuq il-bring in sites biex ma jkunx hemm abbuż u nitkellmu mal-LESA biex din tinżamm taħt il-moniteraġġ tagħhom. Is-Sindku ser ikun qed jitkellem mal-kuntrattur tas-CCTVs biex jgħidlu eżatt x'għandna bżonn.

14.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li wieħed mill-ħaddiema kien imissu jieħu l-*increment* li jingħata kull sena b'effett mill-1 ta' April, 2020.

14.3.14.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li la ma kienx hemm problemi fil-*performance* tal-impjegat, dan l-*increment* għandu jingħata.

14.3.14.2 Għaldaqstant, il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex l-impjegat tal-Kunsill jingħata l-*increment* għal *notch 4*, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti.

14.3.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-ħaddiema kellhom jieħdu arretrati minħabba tibdil fin-*notches* tas-salarji.

14.3.15.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex dawn jinħadmu u jingħataw.

14.3.15.2 Għaldaqstant, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex l-impjegati tal-Kunsill jingħataw l-arretrati dwar it-tibdil fin-*notches* tas-salarji, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti.

14.3.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li fir-rigward tal-Miżura 4.4 hu kien ser ikun qed jitkellem mat-tieni sid tal-għalqa peress li din qegħda bejn ħafna persuni u peress li l-Kunsill għandu bżonn il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar, il-Kunsill ikollu bżonn il-permess tas-sidien.

14.3.16.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li huwa importanti li l-informazzjon tas-sidien tasal kemm jista' jkun malajr minħabba li jekk jaqbeż il-perjodu stipulat l-applikazzjoni li l-Kunsill daħħal l-Awtorità tal-Ippjanar trid issir mill-ġdid.

## 14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

14.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li jixtieq li jiftħu diskussjoni biex id-Dar tas-Sorijiet f'Misraħ Ħal Kirkop issir *Night Shelter*.

14.4.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li xi residenti qalulu li f'Ħal Kirkop xi jiem ilu kien hawn l-Onor. Silvio Parnis u kien qed jitkellem li ser jibni binja għall-persuni b'diżabilità.

14.4.1.2 Is-Sindku qal li hu kien tkellem mal-Onor. Parnis u qallu li l-Kunsill ma kienx kontra li jkun hemm binja għall-persuni b'diżabilità iżda jara li hemm bżonn kbir ta' *night shelter* għall-anzjani.

14.4.1.3 Il-Kunsilliera qalu li dawn huma affarijiet li għandhom jiġu diskussi mal-Kunsill kollu u għaldaqstant talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob appuntament biex issir laqgħa mal-Onor. Silvio Parnis.

14.4.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li t-tappiera tad-drenaġġ ta' Triq ir-Ramlija għalkemm issewwa d-dawra tagħha mill-ħaddiema tagħna xorta waħda qed terġa' tinżel. Hu qal li din hemm bżonn li tiġi rranġata mill-WSC bħal ma kienu rranġaw ta' Triq il-Lewżiet, billi tinqala' mill-qiegħ u tinbena mill-ġdid.

14.4.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tibgħat lill-WSC dwar dan.

14.4.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li dakinhar stess tal-laqgħa kien sar *meeting* ma' rappreżentanti ta' Infrastracture Malta u l-kuntratturi li qed jaħdmu fi Triq San Benedittu. Hu qal li f'isem il-Kunsill kienu marru l-Viċi Sindku Joseph Schembri, is-Segretarju Eżekuttiv u hu.

14.4.3.1 Il-Kunsillier Cassar qal li Infrastracture Malta talbet lill-kuntrattur biex jirranġa l-bankini tal-parti ta' fuq ta' Triq San Benedittu minħabba li quddiem il-garaxxijiet baqgħu għaddejin għoljin. Apparti hekk kellhom jiġu rranġati wkoll il-katusi tar-*rain water* minħabba li kienu ġew għoljin u dawn kellhom isiru *gutters*.

14.4.3.2 Il-Kunsillier Cassar qal ukoll li kellu jitkompla x-xogħol fi Triq San Benedittu (l-parti tal-Kunsill) u l-bankini kellhom jiġu rranġati bil-qies li tistipula l-liġi. Hu kompla jgħid li Infrastracture Malta talbet lill-kuntrattur biex jitneħħa imbarazz li kien hemm fuq il-post u biex ix-xogħol jibqa' għaddej biex din it-triq, minn Triq San Benedittu k/m Triq Ħal Safi sa quddiem l-ATM, titlesta sal-aħħar ta' Ġunju 2020.

14.4.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li x-xogħol fuq il-boardroom kien miexi u dakinhar kien ingħata l-konkos tal-art u matul il-ġimgħa kien ser jitkompla l-madum. Malli jitlesta l-madum kien ser jiġi tas-suffett.

14.4.5 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet dwar jekk il-parkeġġ ħdejn l-ATM fi Triq San Benedittu u jekk dan hux ser jibqa' kif inhu.

14.4.5.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-parkeġġ ma kienx ser jintmess.

14.4.6 Il-Kunsillier Cody Galea qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

## 14.5 Rapport tal-Ilmenti

14.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fir-rapport ta' l-ilmenti mibgħut lill-Kunsilliera kollha, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 14.6 Oġġezzjoni – Bini ta' Dar tal-Anzjani fuq art ODZ

14.6.1 Is-Sindku Terence Agius qal li, kif kien ġie diskuss permezz tat-telefon u tal-*emails*, kienet saret applikazzjoni ta' żvilupp mal-Awtorità tal-Ippjanar biex tinbena Dar tal-Anzjani fuq art ODZ fil-limiti ta' Hal Kirkop.

14.6.2 Is-Sindku kompla jgħid li kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop joġġezzjona għal dan l-iżvilupp. Hu qal li l-Kunsill qabel li jagħmel oġġezzjoni bħala Kunsill, fejn fiha jiddaħħlu l-punti li jolqtu direttament lir-residenti u lil-lokalità ta' Hal Kirkop.

14.6.3 Apparti hekk il-Kunsill kien se jingħaqad mal-Kunsilli taż-Żurrieq u Ħal Safi biex issir oġġezzjoni konġunta. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u r-Reġjun Nofsinhar ukoll kien ser jagħmlu parti minn din l-oġġezzjoni.

14.6.4 Is-Sindku Terence Agius qal li dan kollu kien maqbul b'mod unanimu mill-Kunsilliera kollha, iżda malli beda l-proċess biex issir l-oġġezzjoni, l-applikanti rtiraw l-applikazzjoni.

14.6.5 Is-Sindku Terence Agius qal li din ser tkun il-bidu ta' battalja biex il-Kunsill jirbaħ il-konfini li għandu mitlufa. Is-Sindku Terence Agius u l-Kunsillier Cody Galea ser ikunu qed jaħdmu fuq tfittxija ta' dokumenti.

## 14.7 Manutenzjoni u Ftuħ/Għeluq tal-Latrina Pubblika

14.7.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien ħareġ sejħa fuq il-midja soċjali biex jinġabru kwotazzjonijiet għall-manutenzjoni u ftuħ u għeluq tal-latrina pubblika f'Misraħ iż-Żerniq.

14.7.2 Is-Sindku qal li s-sottomissjoni tal-offerti għalqet nhar it-Tnejn, 18 ta' Mejju, 2020 u kienu ntefgħu erba' offerti, liema offerti infetħu fil-preżenza tal-pubbliku ftit tal-ħin qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

14.7.3 Il-Kunsilliera ddiskutew l-offerti mitfugħa u ġie deċiż li l-offerta tingħata lill-orħos offerent.

14.7.4 Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex l-offerta għall-ftuħ/għeluq u manutenzjoni tal-latrina f'Misraħ iż-Żerniq tingħata lill-orħos offerent, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti.

14.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ser issejjaħ *meeting* mal-offerent biex jiġi spjegat kif ser tkun qed taħdem is-sistema.

## 14.8 Vakanza għall-Ġardinar – Skala 16

14.8.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien ingħata l-permess biex toħroġ is-sejħa interna għall-post ta' Ġardinar fi Skala 16.

14.8.2 Is-Sindku kompla jgħid li din il-Vakanza kienet ħarġet internament u kienet tagħlaq nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju, 2020.

14.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sal-ħin tal-laqgħa l-Kunsill ma kien irċieva l-ebda applikazzjoni.

## 14.9 Skema 2 – Manutenzjoni fil-komun tal-appartamenti tal-Housing

14.9.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-ittra minn naħa tal-Avukat lill-Awtorità tad-Djar kienet intbgħatet fit-23 ta' April, 2020 u f'din l-ittra l-Awtorità intalbet risposta fi żmien ħamest ijiem.

14.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sakemm dħalna għal-laqgħa, l-Kunsill kien għadu ma rċieva xejn.

14.9.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din is-sitwazzjoni u qablu li nkellmu lill-Avukat biex naraw x'inhu l-pass li jmiss.

14.9.4 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-Kunsill kien qed jifferma l-kuntratti tal-erba' blokok l-oħra biex ikun jista' jkompli x-xogħol.

14.9.5 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-20:15hrs.

## 14.10 Arbli fuq il-Bejt tal-Kunsill

14.10.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien infurmat li fl-1 ta' Mejju, 2020 fuq il-bini tal-Kunsill ma kinetx ittellgħet il-bandiera.

14.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din il-bandiera kienet ilha mniżżla għall-fatt li l-ħabel tal-arblu kien maqtugħ u biex dan jiġi rranġat kellu jinqala' l-arblu. Hi kompliet tgħid li biex jinqala' l-arblu kien hemm bżonn li jkunu xi ħamsa minn nies. Dan ma kienx possibbli li jsir għax il-ħabel inqata' fi żmien li bdiet il-pandemija tal-Covid-19.

14.10.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li dawn l-arbli kellhom jitneħħew u jsir arblu wieħed b'mod tajjeb li ma jkunx hemm problemi biex jitniżżel meta jkun hemm il-ħtieġa.

14.10.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li hu kien iċċekkja dwar x'jeżisti fis-suq biex naraw x'inhu l-aħjar li jsir. Hu kompla jgħid li fil-frattemp kienu intalbu xi stimi dwar arblu tal-fibre.

14.10.5 Il-Kunsilliera qablu wkoll li jinbidel l-arblu li hemm fid-daħla ta' Ħal Kirkop minħabba li dan huwa antik u l-materjal tiegħu spiċċa.

14.10.6 Is-Sindku Terence Agius qal li fil-permess biex jiġu rranġati l-mini ta' Ħal Kirkop, kien hemm li ser tinbena xi kamra eżatt wara l-mina.

14.10.7 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiċċekkja dan il-permess u tibgħatilhom l-informazzjoni li ssib.

## 14.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

14.11.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 102 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

14.11.2 Il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 102 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 14.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

14.12.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

14.12.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 18 ta' Ġunju, 2020 fl-4.30 ta' wara nofsinhar.

14.12.3 Il-laqgħa ntemmet fil-20:45hrs.

*(iffirmati)*

| | |
|---|---|
| Terence Agius | Antonia Demicoli |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

**Data:** 18 ta' Ġunju, 2020

**Mozzjoni Ref:** 075/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 13.

**Proponent**
John Luke Cassar

**Sekondant**
Joseph Schembri

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 20 ta' Mejju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 076/20/9

**Mozzjoni:**

Biex l-impjegat tal-Kunsill jingħata l-*increment* għal *notch 4*.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Terence Agius

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 20 ta' Mejju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 077/20/9

**Mozzjoni:**

Biex l-impjegati tal-Kunsill jingħataw l-arretrati dwar it-tibdil fin-*notches* tas-salarji.

**Proponent**
John Luke Cassar

**Sekondant**
Terence Agius

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 20 ta' Mejju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 078/20/9

**Mozzjoni:**

Biex l-offerta għall-ftuħ/għeluq u manutenzjoni tal-latrina f'Misraħ iż-Żerniq tingħata lill-orħos offerent.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 20 ta' Mejju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 079/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied peress li kienu għaddew it-tlett siegħat.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 20 ta' Mejju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 080/20/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 102.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Cody Galea | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 20 ta' Mejju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**